IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 13-2020(14_04_2020) – Laqgħa b'urġenza**

**14 ta' April 2020**

Fid-dawl taċ-ċirkustanzi preżenti tal-Corona Virus (Covid-19), il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' *online* permezz ta' *Microsoft Teams* ® fis-1.00 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri - Sindku
Is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku
Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Kimberly Spiteri - Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Damien Spiteri.

**13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

13.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**13.2 Proġetti fil-Lokalità**

13.2.1 Din il-laqgħa b'urġenza qiegħda tissejjaħ sabiex jiġu diskussi skemi ta' fondi mmirati lejn il-Kunsilli Lokali li hemm miftuħin bħalissa u sabiex il-Kunsill ikun jista' jipproċedi.

Is-Sindku semma li hemm tliet skemi li l-Kunsill għandu jikkonsidra. Dawn huma:

1. Restoration of buildings and other immovable monuments – skema mnedija mill-Ministeru għal Għawdex;
2. Measure 4.4 – Support for non-productive investments linked to the achievement of agri-environment – climate objectives;
3. Measure GAG3 – Gozo Attractions and Innovative Events for all Seasons.

---

**Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR1012, Għawdex * T. 21558755 * F. 21558787 * E. munxar.lc@gov.mt**

Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar l-applikazzjoni għall-fondi mill-Ministeru għal Għawdex dwar restawr (Restoration of buildings and other immovable monuments) b'fond ta' madwar €25,000. Is-Sindku ppropona r-restawr taċ-Ċentru Parrokkjali fejn ix-xogħlijiet ikunu jikkonsistu fir-restawr tal-faċċata billi, fost oħrajn, issir it-tiswija tal-koxox tal-garaxxijiet, it-tindif tal-ġebel, il-ħabi tal-*pipes* tal-*airconditioners* u t-tibdil tal-viti għal dawk *stainless steel*. Kull ma jkun hemm bżonn huwa li l-Kunsill iġib il-kunsens mingħand il-Parroċċa bħala s-sid tal-post.
Is-Sur Joseph Cauchi ppropona r-restawr tan-niċeċ iżda s-Sindku infurmah illi jista' jkollna problema għaliex is-sidien ma jagħtux il-kunsens minħabba li jintrabtu għal għaxar snin li jżommu din l-istess niċċa fl-istess stat. Is-Sur Cauchi ssuġġerixxa wkoll ir-restawr tal-Kappella tax-Xlendi iżda s-Sindku infurmah illi dik hija kkunsidrata knisja mhux kappella u għalkemm il-kappelli jikkwalifikaw mhux l-istess għall-knejjes.
Is-Sindku semma li minbarra r-restawr taċ-Ċentru Parrokkjali kien ikkonsidra wkoll ir-restawr tan-niċeċ, tal-Kappella tax-Xlendi, tal-Knisja tal-Munxar u tal-akwadotti li jinsabu bejn Il-Munxar u Il-Fontana iżda min għal raġuni u min għal oħra, l-aħjar proposta hija r-restawr tal-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali. Il-Kunsill qabel li għandu jistħarreġ aktar dwar din l-applikazzjoni u eventwalment japplika għaliha.

Rigward iż-żewġ opportunitajiet ta' fondi l-oħra, is-Sindku qed jissuġġerixxi li dawn jiġu amalgamati flimkien fuq proġett wieħed. Huwa semma li għall-ħitan tas-sejjieħ ta' Triq Ta' Marżiena u Triq il-Qsajjem hemm proġett tal-Ministeru għal Għawdex li dawn huma inklużi fih u għal Triq ix-Xadba hemm skema oħra li applika għaliha l-Kunsill. Is-Sindku qed jidentifika *area* fi Triq it-Tempju Megalitiku/Triq l-Isqawi li anke fil-futur tista' tiġi *linked* għal proġetti oħra. Din l-*area* diġà għandha bżonn li jinbidlu l-ħitan u għaldaqstant isiru ħitan tas-sejjieħ minflok u jsir bħal *belvedere*. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-bankina tinsab fi stat ħażin u l-*public garden* jista' jiġi żviluppat. Huwa fisser kif filwaqt li l-proġett tal-ħitan tas-sejjieħ matul dik l-*area* sa fejn il-*public garden* jaqa' taħt *Measure* 4.4, taħt *Measure* GAG3 jaqgħu d-dawl, il-pavimentar u l-investiment f'dan il-*public garden*.
Is-Sinjura Juliet Attard ipproponiet *area* f'Tal-Ponta fejn jispiċċaw it-triq u l-ħitan tas-sejjieħ minħabba li fejn jieqaf il-ħajt tas-sejjieħ huwa perikoluż ħafna u ftit ilu ġiet infurmata li kien għadu kemm ġara inċident fejn ħarbet *pushchair* kważi għal isfel. Hija qed jissuġġerixxi li jsir ħajt tas-sejjieħ jew ħadid. Jekk dan ix-xogħol ma jsirx f'dan il-proġett jista' jsir b'mezzi oħra. Jekk il-Kunsill ikollu fondi jista' jiddaħħal ma' dan il-proġett u jibda l-proċess mal-ERA. Il-Kunsill għandu jmur jara minn fuq il-post u terġa' tiġi diskussa.
Rigward il-proġett skont il-proposta tas-Sindku, huwa ssuġġerixxa li l-*public garden* issirlu entratura u tip ta' ħnejja filwaqt li s-Sur Mark Busuttill issuġġerixxa li l-ħajt jitneħħa u jitneħħew is-siġar iżda f'aħħar mill-aħħar il-Kunsill għandu jitlob l-ideat tal-perit. Is-Sindku informa lill-Kunsill li jekk jibda dan il-proġett u jsir it-tisbiħ tal-*area* u jitranġa l-*public garden* il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti mal-Ministeru għal Għawdex peress li huma għandhom il-fondi għat-tindif tal-widien u nkunu nistgħu nkomplu bil-proġett u jiġi *linked* mat-triq in-naħa ta' isfel tal-wied. Is-Sur Mark Busuttil ippropona li jsir *walking tourism/rambling* peress li dan il-fond huwa *linked* mat-turiżmu. Is-Sindku infurmah illi l-perjodu ma jridx ikun fis-sajf iżda fi staġun meta ma jkunx hawn ħafna turisti u skont *ratio* tat-turisti fl-irħula u fejn hemm influss ta' turisti diġà, bħal fix-Xlendi, ma jistax jagħmel attivitajiet. Peress li fil-Munxar jista' jsir, is-Sindku semma l-possibbiltà ta' *wine festival* fuq skala żgħira. Is-Sur Mark Busuttil kompla billi semma anke l-*camping* u għaldaqstant tiġi *multipurpose area.* Is-Sur Joseph Cauchi qal li anke *wine festival* fuq skala akbar jista' jsir matul it-triq kollha meta jsir l-irranġar filwaqt li l-bankijiet iduru lejn il-*belvedere* u mhux lejn it-triq u jsir *railing* u l-ħajt jitneħħa. Dwar dawn, il-Kunsill għandu jiddiskuti mal-perit. Is-Sur Mark Busuttil semma wkoll dwar il-possibbiltà li ssir latrina. Is-Sindku semma illi waħda mill-punti li tieħu l-applikazzjoni hija kemm iġġib turisti. Jekk il-Kunsill jinkludi *partnership* ma' barranin ikun *funded* minn din l-applikazzjoni. Punt ieħor huwa li din l-applikazzjoni ma tistax tintefgħa mill-Kunsill waħdu iżda jridu jkunu tliet *partners*: il-Kunsill u żewġ *voluntary organisations*. Is-Sur Mark Busuttil staqsa min jista' jkunu dawn l-organizzazzjonijiet u għaldaqstant issemmew xi organizzazzjonijiet/NGO's u kif jistgħu jgħinu. Il-Kunsill qabel li għandu japplika fuq dan il-proġett.

### 13.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

13.3.1 Il-laqgħa aġġornat fis-1.45 ta' waranofsinhar. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 22 ta' April 2020 fil-5:30 ta' filgħaxija iżda mbagħad il-Kunsill iddeċieda li jbiddel id-data għal nhar il-Ħamis, 30 ta' April 2020 fis-6:00 ta' filgħaxija.

Dawn il-Minuti ġew ippreparati mis-Sa Kimberly Spiteri, Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**IFFIRMATA**

Ryan Debrincat
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 15/2020 - 8 li nżammet nhar il-Ħamis, 30 ta' April 2020.

**IFFIRMATA**

Damien Spiteri
Sindku